MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 624/2008

**Perfect Screens Printers Limited C 5109**

**Vs**

**Bastjan Agius ezerecenti l-kummerc taht l-isem MSA Ventures**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 t'Awissu 2008, fejn is-socjeta` attrici qeghda titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill- konvenut Bastjan Agius ihallas s-somma komplessiva ta' elf u disgha u tmenin Euro u sitta u tmenin centezmu (€1,089.86) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija kkonsenjata lill-konvenut.

Illi nonostante nterpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti u minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk inkorsi fil-prezentata tal-ittra ufficcjali ai termini tal-Artiklu 166A li jgib in-numru 938/08 skond taxxa hawn annessa Dok A u bl-imghax legali mit-12 t'Awissu 2005 sal-pagament effettiv;

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ta' l-1 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha eccepixxa illi l-hlas mitlub m'huwiex dovut stante illi s-socjeta` attrici thallset "*in cash*" jew cheque ammont tas-somma pretiza u d-differenza hi dovuta lill-konvenut ta' hwejjeg appartenti lill-konvenut tal-valur ugwali ghad-differenza li baqghu fil-pussess tas-socjeta` attrici.

Sema` x-xhieda kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi fis-seduta tat-2 ta' Frar 2009 xehed **Francis Xuereb** in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u stqarr illi s-somma li s-socjeta` attrici qegheda titlob tirrparezenta kemm materjal kif ukoll manifattura ta' xoghol illi kien hu kkonsenja lil Bastjan Agius ghand MSA Ventures, konsistenti f'T-Shirts u printing fuq l-istess T-Shirts. Inoltre, ix-xhud esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok FX 1 konsistenti fi *statement* kif ukoll tlett dokumenti ohra mmarkati bhala Dok FX 2, Dok FX 3, Dok FX 4 rapprezentanti f'*invoices.*

L-istess xhud xehed ukoll illi kien sar pagament akkont fit-22 ta' Frar 2007. Hu ikkonferma ukoll li qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri huma kienu ippruvaw jikkuntattjaw lill-konvenut sabiex jigi jhallas il-bilanc, pero` hu qatt ma kkomunika maghhom.

Ikkunsidra ulterjorment illi l-konvenut naqas illi jressaq provi, kemm tal-hlas minnhu allegatament maghmul u kif ukoll in sostenn ta' l-eccezzjonijiet l-ohra – u dan minkejja illi kellu tlett seduti sabiex jaghmel dan.

Illi ghalhekk il-verzjoni u l-pretensjoni tas-socjeta` attrici mhix kontradetta u t-Tribunal ma jsib ebda raguni ghaliex ma ghandux jiddeciedi favur taghha.

GHALDAQSTANT, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, qed jghaddi sabiex jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf u disa` u tmenin Euro u sitta u tmenin centezmu (€1089.86), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------